# L-Innu Ewkaristiku ta’ Caruana




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont ktibt artiklu fuq l-‘Innu Popolari lil San Filippu D’Aġġira’, versi tal-Poeta Nazzjonali Malti, Mons. Dun Karm Psaila, immużikat minn Mro. Giuseppe Caruana. Għal dis-sena wkoll, ħsibt li nitkellem fuq innu ieħor li ħareġ mill-pinna rispettiva tagħhom, l-Innu Ewkaristiku, ‘Nadurawk ja Ħobż tas-Sema’, li ndaqq għall-ewwel darba waqt funzjoni reliġjuża nhar il-25 t’April, 1913, fl-okkażjoni tat-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien inżamm f’Malta. Minnu li nkiteb ħafna dwaru, iżda tagħrif analitiku dwar il-mużika tiegħu xejn. Għaldaqstant, l- dal-artiklu se jkun qed jagħti ħarsa ħafifa lejn dal-Innu mill-aspett mużikali b’tali mod li l-qarrej ikun jista’ jifhem u japprezza s-sbuħija tiegħu, speċjalment f’dik li hi melodija, kif kien jaf jinsiġha tant tajjeb Caruana.

Kliem muftieħ: Ħaż-Żebbuġ, Innu Ewkaristiku, T’Adoriam, Ostia Divina, Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema, Host Divine, We Bow in Worship, Mons. Dun Karm Psaila, Mro Ġużeppi Caruana, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, 12th May Band and Social Club (Żebbuġ)



Mro Giuseppe Caruana (1880-1931), l-awtur tal-Innu Ewkaristiku

Profil: Ġużeppi, Belti, twieled fl-ewwel ta’ Ġunju 1880 minn Ċensu Caruana u Lunzjata Callus, u kien il-kbir fost erbat aħwa. Mill-iskola ta’ Pawlin Vassallo tgħallem sewwa l-pjanu u l-kant – kellu vuċi tenorili mill-aqwa u kien ikanta f’ħafna mill-korijiet, bi wħud minnhom jitmexxew minn Vassallo stess. Minn hemmhekk tgħallem jikteb il-mużika wara li kors intensiv fl-armonija, il-kuntrapunt, u l-istrumentazzjoni. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li fost sħabu li kellu miegħu fil-klassi, u li aktar tard iddistingwew ruħhom fl-arti mużikali lokali, insibu lil Ġużeppi Abdilla, Duminku Anastasi, Carlo Diacono, Lorenzo Gonzi, Paolo Nani u Josie Mallia-Pulvirenti. Mingħand l-istess Vassallo, Caruana tgħallem jagħraf jagħżel ukoll bejn mużika sagra u dik profana, u bħalu wkoll, kien minn tal-ewwel li ħaddan ir-riforma fil-mużika ekkleżjastika kif riedha il-Papa Piju X.



San Papa Piju X (1835-1914)

Wara li spiċċa mingħand Vassallo, Caruana waqqaf mill-ewwel orkestrina b’xi għaxar mużiċisti u kor tat-tfal biex jibda jagħti xi servizzi fil-knejjes tal-Belt. Aktar tard, waqqaf ukoll ieħor kbir ta’’l fuq minn mitt korist, bl-ewwel eżekuzzjoni minnu ssir proprju waqt il-Kungress Ewkaristiku. Biż-żmien, Caruana laħaq ukoll *maestro di cappella* t’għadd kbir ta’ parroċċi, fosthom ta’ Ħal Lija, tal-Marsa, tal-Mellieħa, tal-Mosta, u ta’ Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll tan-Nadur, Għawdex. F’dal-knejjes parrokkjali kollha kellu l-opportunità sħiħa li jsemma’ xogħlijietu, bil-poplu jitrawwem fl-idjoma mużikali tiegħu, b’dik ‘il-vina melodjuża, fejn id-disinn jinstema’ armonjuż, ċar u għani fil-formazzjoni, b’funzjoni mill-aqwa biex isieħeb lill-kant’.[1] Barra s-servizzi fil-knejjes, Caruana kien jagħti wkoll xi privatijiet, u jgħallem il-kant u l-mużika fl-iskejjel statali.

[1] ‘Mill-Kompożizzjonijiet ta’ Ġużeppi Caruana (1880-1931), p. 9 (Ġorġ Mifsud: Pubblikazzjoni Buġelli, 1981).

Tul il-ħajja qsajra tiegħu, Caruana kkompona għexieren kbar ta' mużika aktarx sagra, bi wħud żgħir ħafna minnhom jiġu ppubblikati, u ammont ħafn'ikbar minnhom iddestinati għad-dlam tal-kexxun. Fost xogħlijietu forsi l-aktar popolari tiegħu nsibu sett t'innijiet li ġew ikkummisjonati minn Monsinjur Ferris, li dak iż-żmien kien Ministru tal-Edukazzjoni, biex jitkantaw fl-iskejjel. Hu kien qabbad lil Dun Karm u lil Caruana biex jidħlu għal dil-biċċa xogħol sabiħa wara li għaraf il-ġenju ta' dat-tandem, grazzi għas-suċċess kbir li kienu kisbu bl-Innu Ewkaristiku. Ħafna mill-mużika sagra tiegħu kitibha f'daru stess, fi Triq San Nikola, il-Belt. Hu kien miżżewweġ lil Elena Laspina, u minnha kellu sebat ulied. Miet lejlet il-festa liturġika ta' Sta Ċeċilja, nhar il-21 ta' Novembru 1931.

L-Innu Ewkaristiku jaf il-bidu tiegħu daqs sena qabel ma sar il-Kungress f'Malta f'April tal-1913, meta l-qassis-poeta Żebbuġi ried jikteb xi versi għal dil-okkażjoni unika. Hawn min isostni li kien Caruana stess li mar fuq Dun Karm għall-versi tal-innu biex jitkanta waqt dal-Kungress. Iżda fi kliem il-poeta stess, kien hu li għadda l-melodija permezz tal-għana lil Caruana, li min-naħa tiegħu kien pront ħażżiżha fuq biċċa karta li nzerta kellu f'butu. Skont il-poeta wkoll, il-versi tal-innu kienu ispirati minn għanja kampanjola li spiss kien jisma' ħierġa minn fomm il-bdiewa Żebbuġin waqt il-ħidma tagħhom fl-għelieqi. Iżda, għalkemm l-innu kien inkiteb u lest, l-awturi tiegħu sabu diffikultà meta ġew biex jistampawh, u għad li laħqu ħarġu xi kopji fil-ħin, isimhom tħalla barra. Il-Kungress ta' Malta ġie u mar, u warajh l-innu ġie stampat f'ma nafx kemm-il lingwa f'ħafna pajjiżi, iżda ftit huma li jafu min huma l-awturi tiegħu. Dal-innu għadu jitkanta sal-ġurnata tal-lum waqt il-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali li jsiru minn żmien għal żmien. Dun Karm kien qeleb l-innu, oriġinarjament bl-isem t''T'Adoriam, Ostia Divina', għall-Malti, u għammdu bl-isem ta' 'Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema'. Il-Ġiżwita, H. St. Lavin ukoll kien ittraduċieh bl-Ingliż, 'Host Divine, We Bow in Worship'.



Il-Poeta Nazzjonali Malti (1871-1961)

Analiżi: Għad li f'ħafna kotba tal-innijiet tal-lum l-Innu Ewkaristiku nsibuh miktub in Fa Maġġuri, oriġinarjament dan kien fi kjavi ton 'l isfel. Anki f'dak li hu temp, illum insibuh imniżżel bħala *Andante Sostenuto,* fejn qabel kien immarkat *Larghetto*. Mill-banda l-oħra, l-innu żamm l-istess sinjal ta' miżura ta' tliet semiminimi kull battuta. Bħala tul imbagħad, l-innu fih biss 12-il battuta; tmienja għall-istrofa u erbgħa għar-ritornell. Bħala sentenza, l-istrofa hi mqassma f'erba' frażijiet ugwali, u li kollha jibdew *in aria*, jiġifieri mhux fuq il-parti forti (jew qawwija) tal-battuta. Dal-frażijiet jibnew ritmikament kollha l-istess, bil-karatteristika ewlenija tkun il-kroma bil-punt + semikroma fil-bidu. L-istess jingħad għall-bqija tal-valuri l-oħra, ħlief għaż-żewġ semiminimi tal-aħħar, li kultant jissarrfu f'minima waħda. Il-melodija tinbena bis-sistema *Ready, steady, go,* fejn l-ewwel frażi tirripeti ruħha għal darba tnejn, kull darba targa 'l fuq, u bit-tielet waħda tiżviluppa ruħha mod ieħor. Min-naħa tagħha, ir-raba' frażi wkoll iżżomm l-istess disinn melodiku (Eż. 1):

Ez. 1



Ir-ritornell jikkontjeni biss żewġ frażijiet daqsinsew, u bil-qofol tal-innu jintlaħaq fl-ewwel żewġ battuti, fejn hemmhekk insibu wkoll l-ogħla nota (Re), u bl-aħħar frażi tixbah kważi f'kollox 'il-ewwel waħda tal-istrofa. Iżda għall-kuntrarju tal-istrofa, ir-ritornell hu mmarkat li jrid jitgħanna bil-qawwi ħafna (*fortissimo*). U għad li fil-bidu ta' dil-analiżi qasira għedna li t-tonalità ta' dal-innu hi in Mi*b* Maġġuri, fil-verità, il-melodija hi msejsa fuq serje dijatonika ta' sitt gradi magħrufa bħala eżakorda. Dis-sistema t'oriġini Medjevali, li baqgħet tintuża wkoll fil-mużika Rinaxximentali, u li saħansitra rat qawmien ġdid fil-mużika tas-seklu 20, tagħmel użu minn sitt noti biss, fejn il-gradi, ħlief għar-raba' wieħed, jikkonsistu kollha f'toni. Jekk wieħed jifli ftit l-Innu Ewkaristiku ta' Caruana jsib li l-melodija hi mibnija proprju minn dan-noti: Mi*b* – Fa – Sol – La*b* – Si*b* u Do, li nsibu fir-ritornell. Dan kollu jorbot ma' dak li għedna qabel li jirrigwardja r-riforma fil-mużika ekkleżjastika, u l-effetti pożittivi li din setgħet ħalliet fuq ix-xogħlijiet sagri tal-bidu tas-seklu 20, fosthom dawk ta' Caruana (Eż. 2):

Ez. 2




L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żebbuġin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ San Filippu t’Aġġira li ta’ kull sena tiġi solennement iċċelebrata f’beltu.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)